Loretu J. Dalli



# Il-Mużew (M.U.S.E.U.M.) fir-raħal tal-Gudja

Il-mużew fir-raħal tal-Gudja, daqs ħamsa u ħamsin sena ilu, kien il-post ta' tagħlim, rikreazzjoni u speċi ta' *social club* tar-raħal għat-tfal u ż-żgħażagħ. Il-Mużew kien iservi għal diversi għanijiet mhux biss bħala post ta' tagħlim tad-dutrina. Dan dejjem fl-opinjoni tiegħi u kif rajtu jiena.

Fil-fatt kien u għadu mportanti fil-formazzjoni tal-ħajja tar-raħal tagħna, għax fil-Mużew, ħafna tfal, jekk mhux kollha, għaddew minn dan il-post ta' prestigju minn fejn ħadu l-formazzjoni edukattiva, kemm nisranija kif ukoll ċivili li, bla dubju, gawda minnha ir-raħal tagħna.

Qed nirreferi għaż-żmien bejn wieħed u ieħor tal-1955. Dak iz-żmien is-socjetà kienet għaddejja minn żmien sabiħ, mhux inqas gewwa l-Gudja, fejn is-subien kienu jattendu bi ħġarhom. Ta' min jgħid li sabiex ikollok post hekk attiv bilfors li jrid ikun immexxi minn nies ta' kariżma kbira, u dana kien l-ingredjent prinċipali li kellhom fil-mużew tal-Gudja.

Fost is-soċi li kienu jmexxu kien hemm:-

Joseph Azzopardi – Gudja; Vince Meli – Tarxien; Floru Schembri – Paola; Joseph Mangion – Gudja; Ġanni Dalli - Gudja.

Kien hemm oħrajn li taw sehem qawwi fil-ħajja kontinwa ta' dan il-mużew, mit-Tnejn sal-Ħadd, minn Jannar sa' Diċembru, mill-ħamsa sal-għaxra jew il-ħdax ta' filgħaxija. Il-ħadd kienet tkun ġurnata twila għalihom. Jibdew billi jiġbru it-tfal u flimkien jattendu l-quddiesa tas-sebgħa ta' filgħodu. Wara jkomplu sa nofs inhar b'laqgħat fil-bini tal-mużew. Mill-erbgħa ta' wara nofsinhar sat-tmienja ta' filgħaxija s-soċi kienu joħduna passiġġati bħala rikreazzjoni. Il-passiġġati tal-Hadd kienu jsiru jew sal-Wied tal-Isqof. jew il-Wied ta' Żakkew mimli siġar tal-ħarrub qrib Bir Miftuh; illum dan il-wied spiċċa taħt il-mitjar. Wara konna nimxu sal- Karwija li llum minflokha hemm ir-*runway* tal-mitjar, u li kienet tiġi parallela mal-Knisja ta' Loretu. Hemmhekk konna nilgħabu xi logħba football, ġieli ma' xi qasam tal-qrib, bħal per eżempju ta' Ħal Kirkop.

Bużullotti!! Fil-bitħa kien hemm berquqa kbira, u, fi żmien il-frott, is-Superjur Giacomino Gatt kien joqgħod għassa biex ħadd ma jmissha. Iżda darba fettilli staħbejt wara l-laringa fl-istess bitħa, u jien, boċċu boċċu kif kont, ippruvjat nitla' mas-siġra u rnexxieli, iżda blumm!! ħadtha għal isfel u ħej, induna. Din kienet waħda biss mill-bużullotti tagħna.

Fis-sajf il-mużew kien jieħu xejra differenti minn matul is-sena. Kull nhar ta' Ħadd wara nofsinhar kien ikollna ħargiet għal ħdejn il-baħar, f'postijiet ftit imwarrbin għal dak iż-żmien, bħall-Ħofriet ħdejn Dellimara. Il-ħarġa kienet issir permezz ta' vann Morris bil-ħġieġ, ta' wieħed bil-laqam tal-Lulu minn Ħal-Għaxaq. Fiha konna nkunu qisna sardin. Wara l-għawma konna nieklu xi biċċa ħobz tal-Malti imħawwra bit-tadam jew kunserva, żebbug, kappar ton taż-żejt etc., ngħidu ir-rużarju ħdejn il-baħar stess u lura lejn ir-raħal.

Għall-aħħar ta' Ottubru jibdew il-preparamenti u x-xogħol konness mal-Milied. Kien ikun żmien ta' emozzjoni kbira għalina it-tfal b'mottiv qawwi għall-jiem tal-Milied taħt id-direzzjoni ta' Floru Schembri, bniedem kapaċi li kien jgħallimna nagħmlu l-pasturi tax-xemgħa u kartapesta u npinġuhom b'ħafna kuluri. Aħna it-tfal konna nissaħħru meta naraw il-ġulbiena folta u sabiħa lesta sabiex titpoġġa fejn Bambin fil-maxtura. Xi ħaġa li t-tfal kienu jkunu jistennew bil-ħerqa kienet żgur il-purċissjoni bil-Bambin lejlet il-Milied. Joe Farrugia (iż-żużu) jew Nettu Portelli (ta' Xmun) kienu jimxu bil-Bandalora tal-Verbum Dei quddiem, Toni Brincat (tat-tutu) u Guzi Caruana (ta' vapuri) b'lanterni; Anglu Demicoli u Joe Camilleri u oħrajn bil-Bambin, u warajhom Noni bil-kurunetta u Loretu ta' Ġakkinu bil-klarin. Jiena u ċorma oħra nippruvaw inkantaw 'Ninni la tibkix iżjed b'xi strofa stunata kultant. Ferħ tal-ġenna, ferħ tat-tfal innocenti, ferħ tal-ġenituri, ferħ mingħajr il-bżonn ta' 'parties' u mingħajr rigali artifiċjali Ir-rigal li konna naqilgħu kien ikun blata tal-kartapesta forma ta' grotta bil-Bambin ġo fiha.

## Is-storja tal-Museum fir-raħal tal-Gudja

Il-Gudja messitha ix-xorti li jkollha qasam għaliha fl-1914. Sa dak iż-żmien kienu laħqu nfetħu sittax-il Qasam. Il-Qasam Nru.17 hu mitluf fid-dalma tal-imgħoddi. Imma nafu li għall-ħabta ta' Marzu tal-1914 xi soċji minn Hal-Luqa, fosthom il- Perit Andre' Micallef u oħrajn, kienu jitilgħu l-Gudja ta' kuljum jgħallmu d-dutrina fin-numru 8 Triq il-Lunzjata. Hawn xi Gudjani ingħaqdu magħhom u ġew inkorporati fil-Kumpanja, kif kienet tissejjaħ is-Soċjetà ta' dak iż-żmien.

Hawn ta' min isemmihom:-

Gaetano Grixti, ĠioMaria Abdilla, Franġisk Barbara, Ġużeppi Theuma, Ġużeppi Caruana, Ġużeppi Cutajar, Lorenzo Farrugia, Loreto Azzopardi, Loreto Caruana, Tobija Pace, Ninu Bonnici, Anġlu Saliba, Kola Caruana, Karmnu Spiteri u Salvu Mangion.

Ftit wara, dawn is-soċji krew dar biex isservi ta' Qasam. Iżda minħabba diversi ċirkostanzi, is-soċji bdew jonqsu bil-mod 'il mod. Fil-fatt fl-1920, is-Superjur G. Grixti siefer lejn l-Amerka, u l-erba' soċji li kien baqa' sabu ħafna tfixkil, u konsegwenza ta' hekk fl-1926, il-Qasam kellu jagħlaq. Għaddew madwar għaxar snin u xi zgħazagħ mir-raħal tagħna tħajjru jerggħu jingħaqdu mas-soċjetà sabiex jifthu Qasam ġdid fil-Gudja.

Kien proprju fil-21 ta' Jannar tal-

1936, li s-Sur Giacomino Gatt mar għand is- superjur il-kbir, jew kif kienu jgħidulu s-Superjur ġenerali, li kien Eugenio Borg biex jara x'setgħu jagħmlu. Saret proposta min-naħa tas-Surperjur Borg, u wara xi gimgħatejn il-Fundatur innifsu, Dun Ġorġ, (illum San Ġorġ Preca) gie l-Gudja, bagħat għal Giacomino Gatt u qallu li xtaq li jiftaħ Qasam gdid.

Ftit ġranet wara l-Fundatur reġa ġie l-Gudja u din id-darba ġabar lill-ġuvintur biss. Il-laqgħa saret għand wieħed nutar li kien jogħod f'nru.37, Triq il- Kbira, quddiem il-forn, illum Triq Raymond Caruana. Wara l-laqgħa Dun Ġorġ wiegħed lil dawk li kienu preżenti li se jibgħatilhom lil Ġużeppi Maniscalco minn Bormla biex jorganizza l-Qasam, flimkien ma' Ċikku Micallef u Ġużeppi Mizzi t-tnejn mill- Birgu.

Il-ftuħ tal-Qasam sar minn Dun Gorg Preca nhar it-12 ta' Frar, 1936, u xahrejn wara ġie mogħti n-Numru 33 jew XXXIII. Ħasra li min Qasam numru 17 niżel għan-numru 33. Aktar tard, wara l-ftuħ tal-Qasam, il-membri kienu jagħmlu l-laqgħat għand in-Nutar Franġisku Farrugia, fid-dar tiegħu, u ta' dan huwa ma kienx iżommilhom kera. Aktar tard huma krew id-dar nru.167, fi Triq il-Kbira. F'dan il-post ġew organizzati l-klassijiet, bħal tal-Preparatorji u tal-Magħzulin. Fil-15 ta' Novembru 1936 saret l-ewwel ċerimonja tal-Magħzulin u tal-Kandidati. L-ewwel Superjur għal din iċ-ċerimonja kien, kif jgħidna, qabel is-sur Ġużeppi Maniscalco.

Ftit wara l-Qasam ġie trasferit għal nru.15, Triq Santa Katerina. Hawn bdiet issir id-duttrina tat-tfal bi tħejjija għall-Ewwel Tqarbina. Il-viċi Kappillan Dun Anton De Bono kien li xtaq li l-Festa tal-Ewwel Tqarbina tkun okkażjoni kbira fir-raħal. Għaldaqstant, dakinhar li kienet se ssir il-festa tal-ewwel tqarbina filgħodu, il-kleru u l-abbatini iltaqgħu fejn il-Qasam u marru proċessjonalment biex jakkumpanjaw lil dawn iċ-ċkejknin sal-Knisja bl-aktar mod sollenni.

Gara li z-żmien ta' wara kien żmien il-gwerra, u s-soċji ta' barra r-raħal kienu jsibuha difficili biex jiġu l-Gudja, bħas-Superjur Maniscalco mill-Birgu. Biex tagħqad huwa kien juża l-karozzin, imma dan ma tantx kien jaqdih tajjeb bħalha mezz ta' transport, għalhekk huwa ddeċieda li jixtri karozza. Imma ftit wara li bdiet il-gwerra il-Militar ġabar ħafna karozzi, u fosthom ħa wkoll dik tas-Superjur Maniscalco. B'hekk it-tliet soċji barranin ma setgħux jibqgħu jiġu iżjed il-Gudja. Ġara wkoll li d-dar tad-dutrina ttieħdet mill-Gvern biex tilqa' fiha r-refuġati li kienu ġew mill-Kottonera. Imma ma' dawn ir-refuġati ġew is-soċji Ġużeppi Mizzi u Felice Dalli minn Ħal Tarxien, kif ukoll Wenzu Dingli mill-Birgu. Issa s-soċju Ġużeppi Mizzi nħatar Superjur minflok Ġużeppi Maniscalco.

Tul il-gwerra, il-Qasam tal Gudja baqa' miexi bil-ħidma tiegħu mill-aħjar li seta', u l-membri kienu jiltaqgħu fid-dar tas-soċju Giacomino Gatt.

Wara l-gwerra, is-soċji li kienu refuġjati, telqu lura lejn djarhom fl-irħula tagħhom. Minflokhom intbagħtu Ġużeppi Camilleri u Ġanni Zammit minn Raħal Ġdid u Amatore Gambin min Hal Tarxien. Bħala superjur inħatar Giacomino Gatt. (Hawn naraw kemm dan Ġiacomino ta s-sehem tiegħu mill-bidu nett sa' tard fis-snin sebgħinjiet).

F'Novembru tal-1944, reggħet bdiet id-dutrina tat-tfal bħal qabel fid-dar nru.12, Triq Santa Marija, u f'Jannar tal-1945 bdew isiru l-konferenzi għall-irġiel kull nhar ta' Ħadd. Fl-1952 is-Superjur Gatt irtira għal xi żmien minħabba raġunijiet personali u minfloku beda' jmexxi l-Qasam Ġużeppi Camilleri. Dan dam f'din il-kariga sal-1954 . Warajh rega' daħal f'din il-kariga s-Superjur Giacomino Gatt.

Is-Sede ta' llum jew aħjar fejn qiegħed illum il-Museum.

Fi-1952 tlesta l-bini tal-iskola primarja li hemm illum, dik taż-Żebbuġa. Meta d-dar nru.14, fi Triq Santa Marija, li kienet qed isservi bħala skola tbattlet, is-Soċjetà kriet dan il post biex jintuża bħala post għad-dutrina billi hu aktar spazjuz mill-post fejn kienu qabel.

Nhar il-Ħadd 11 ta' Ottubru, ix-xahar tal-Madonna, fis-sebgħa ta' filgħodu tqaddset quddiesa fil-Qasam minn Dun Gwann Briffa Brincati li għaliha attendew it-tfal tar-raħal. Wara, il-Kappillan Dun Gerald Frendo, ikkonsagra l-Qasam lill-Qlub Imqaddsa ta' Ġesù u ta' Marija. Filgħaxija mbagħad, sar it-tberik u l-inawgurazzjoni tal-Museum mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Emanuel Galea.

Fl-aħħar tas-snin ħamsijiet u għall-bidu tas-sittinjiet, għal żmien il-Milied daħlet id-drawwa li jsir *party* għal-tfal tal-kor fl-istess Qasam, fuq inizjattiva tas-soċju Salvu Farrugia, u dan il-*party* baqa' jsir kull sena. Kien l-ewwel qasam f'Malta li beda' din drawwa għal f'dak iż-żmien partikolari.

Issa fl-1961 saret tifkira ta' għeluq il-25 sena mill-ftuħ tal-qasam, billi bejn is-16 u t-23 t'April saret ġimgħa ta' attività biex tfakkar din l-okkażjoni. Nhar il-ġimgħa 21 ta' April tal-istess sena (1961) saret lezzjoni għall-pubbliku minn Dun Gorg Preca. Il-programm għalaq bit-Te Deum fil-Knisja Parrokkjali, l-Ħadd wara nofsinhar.

Is-Superjur Giacomino Gatt irtira mill-kariga fl-1963 u ġie maħtur Superjur Onorarju. Minfloku ntagħżel Ġużepppi (Ġużi) Azzopardi, (magħruf bħala bin Leli tal-posta) bħala Superjur proviżorju. Huwa baqa' jmexxi l-Qasam għal tlettax-il sena. Hawn ta' min isemmi li dan il Gudjan ta s-sehem tiegħu wkoll ġewwa s-Sudan. (Ġuż kburin bik)

F'Mejju tal-1965, meta kien superjur Ġużeppi Azzopardi, bdiet issir il-Laqgħa taż-Żgħażagħ li tiġi organizzata kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar. Dan il-Qasam kien wieħed minn tal-ewwel ukoll li beda' jorganizza dawn il-laqgħat li kienu popolari ħafna maż-żgħażagħ Gudjani.

Ġrajja oħra mportanti fl-istorja tal-Qasam tal-Gudja seħħet fit-22 ta' Awwissu, 1974, meta sid il-post, is-sur Salvu Zammit, wild il Gudja, imma jgħix fl-Awstralja, ta lis-Soċjetà dan il-lokal biex jintuża għat-tagħlim tad-dutrina. Mal-faċċata tal-Qasam hemm lapida tal-irħam. Din inkixfet u tbierket mill-Kappillan Dun Vincenz Balzan nhar San Mikiel Arkanġlu fl-1974.

## Superjuri li mexxew lil dan il- Qasam:-

Ġużeppi Maniscalco 1936-40; Mizzi 1940-44; Giacomino Gatt 1944-50; Ġużeppi Camilleri 1950-52; Ġiacomino Gatt 1952-63; Ġużeppi Vella 1963-64; Ġużeppi Azzopardi 1964-77; Emanuel Farrugia 1977-82; Michael Angelo Spiteri 1982-2007; Carmel Farrugia 2007----

Hawn ta' min jgħaddi suġġeriment lill-Kunsill Lokali sabiex jagħraf u jagħti gieħ lil din is-soċjetà għall-kontribut li tat lill-komunità Gudjana tul is-snin, għax fi ħdanha nbnew u trawwmu diversi karattri li taw sehemhom lill-istess komunità.

**Referenza**

Mill-ktejjeb '50 sena ta' ħidma fil-Gudja' ta' Michael Angelo Spiteri, 1986.